MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CLAIRE-LOUISE STAFRACE**

Seduta tat-2 ta' Frar, 2011

Numru. 1465/2010

**Il-Pulizija**
**[Spettur Raymond Aquilina]**

**vs**

**Sandro Bonello**

**Il-Qorti,**
Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Sandro Bonello detentur tal-karta tal-identita` numru 529577(M).

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, fit-30 ta' Gunju 2006 jew fil-jiem ta' qabel-

1. Irrenda ruhu komplici fl-ghoti ta' dikjarazzjonijiet jew certifikati foloz a tenur tal-Artikoli 42 u 185 tal-Kodici Kriminali;

2. Kif ukoll talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, wieghed, ta jew offra, sew b'mod dirett jew indirett, xi

vantagg mhux xieraq lil xi persuna, li asserixxiet jew ikkonfermat li kienet kapaci taghmel xi influwenza mhux xierqa fuq il-mod kif tiddeciedi xi persuna li hemm imsemmija fis-Sub-titolu IV tat-Titolu III tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex igieghel lil dik l-istess persuna tesercita dik l-influwenza sew jekk dak il-vantagg mhux xieraq ikun ghal dik il-persuna ohra jew ghal xi haddiehor;

3. Kif ukoll talli sar ricediv b'sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) datata 25 ta' Gunju 2009 u 22 t'April 2010 liema sentenzi huma definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat id-dokumenti;

Semghet il-provi;

Rat l-Artikoli indikati; u cioe` l-Artikoli 17(h) 42(d), 185(2) u 121A (li hu assorbit fl-Artikolu 185) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Stante ammissjoni mill-imputat ghall-akkuzi kif dedotti kontrih fi stadju bikri tal-proceduri u l-koperazzjoni tal-istess mal-prosekuzzjoni u l-konferma ta' tali ammissjoni wara li nghata z-zmien opportun sabiex ikun jista' jirregola ruhu, u wara li l-Qorti hi sodisfatta li l-imputat ma kellux rwol dirett fl-otteniment ta' tali licenzja, qed issib lill-imputat Sandro Bonello hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih, hlief ghat-tielet akkuza stante li kif gie vverbalizzat ma tapplikax, u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 qed tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien tlett (3) snin mil-lum.

Finalment spjegat fi kliem semplici r-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------